MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Talba Numru. 476/2007

**Yosef R. Scicluna**

**vs**

**Rosalie Darmanin f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' RNC Co. Limited (C – 37995)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta et nomine thallas is-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm342.36), u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u sebgha u disghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€797.48), dovuti lill-attur, liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' xoghol ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' *computers* u apparat iehor relatat, ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom, kif ukoll ta' prezz ta' accessorji in konnessjoni

ma' l-istess, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti.

Bl-ispejjes u interessi kummercjali mid-data li fiha gie res is-servizz, sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta et nomine li ecceppew illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut, tant li l-attur stess huwa debitur tal-konvenuti stante li huwa ssuplixxa apparat difettuz u ta' kwalita' inferjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra x-xhieda ta' l-attur li jispjega li l-konvenuta kienet inkarigatu sabiex jghamlilha xoghol ta' installazzjoni ta' *computer*, *monitor*, kif ukoll sistema ta' CCTV *cameras* li huma nstallaw. Dan ix-xoghol kien sar f'Gunju, 2006 u sar fil-*beauty centre* tal-konvenuta.

Kien accetta li l-konvenuta taghmel il-pagamenti bin-nifs, bhal ma jaghmel ma' klijenti ohra, u dan bil-kundizzjoni li l-pagamenti jigu saldati sa' Dicembru, 2006. Waqt li kien sar dan il-ftehim, kien hemm prezenti l-kugin tal-konvenuta, Robert Darmanin, li hu *Accountant*.

L-attur jispjega li l-konvenuta kienet hallsitu depozitu f'Gunju, 2006 u mbaghad kienet taghmel pagamenti f'ammonti diversi tul iz-zmien u gieli hallset b'cekkijiet f'isem haddiehor u mbaghad kien imur isarrafhom.

Wara Gunju, il-konvenuta kienet talbitu jinstalla *wireless network*, kif ukoll kien hemm bzonn ta' installazzjoni ta' *printer,* u dan ukoll sar wara Gunju.

F'Jannar, 2007, il-konvenuta kienet talbitu sabiex jinstallalha xi *updates* fis-*software* tal-*computer* u kienet weghditu li kienet ser thallsu mitt lira Maltin (Lm100), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), ghal dan ix-xoghol. Kien mar ghamel l-installazzjoni rikjesta, pero' l-konvenuta ma kienitx dehret.

Darb’ohra kienet talbitu sabiex imur biex terga’ taghmel xi pagamenti, u dan kien ghal habta ta’ Frar, izda meta mar kien dam jistenna l-hanut u l-konvenuta qatt ma tfaccat ghaliex qalet li kienet inqabdet il-Bank.

Ighid li sa dak iz-zmien l-uniku ilment li kellu minghand l-konvenuta kien rigward wahda mill-*cameras* u kien biddilha u qatt ma kien talab hlas tal-*mano d’opera,* u dan ghaliex kienet ghadha taht garanzija.

Ghal habta ta’ Marzu, il-konvenuta kienet regghet talbitu sabiex imur il-hanut taghha, izda kien irrifjuta ghaliex ma kienitx hallset il-bilanc li kien ghad fadal. Kien hawn li bdiet tghajjru u takkuzah li s-sistema kienet diffetuza ghaliex ma kienitx tahdem u ghalhekk ma kienitx disposta li thallas.

Ghall-ahhar mitt lira Maltin (Lm100), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), li kienet ghamlet il-konvenuta, ma kienx taha *Vat receipt* ghaliex l-*Accountant* kien qallu li l-*invoice* kienet tirrapprezenta rcevuta fiskali fiha nnifisha.

In kontro-ezami jispjega li kien ghamel xi xogholijiet ghal habta ta’ Awissu, 2006 u Novembru, 2006, meta hawn kellha xi problemi bil-*cameras* u kien irrangahom. F’Novembru ukoll kellha bzonn *printer*, kif ukoll kien ghamel xi xoghol fuq xi *wires*.

Kien f’Jannar, 2007 meta kien mar ikellem lill-konvenuta u kienet weghditu li kienet ser thallas mitt lira Maltin (Lm100), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda qatt ma hallset. Kien hemm okkazzjoni ohra meta kienet cemplitlu sabiex imur juriha xi *software* u kienet regghet weghditu li kienet ser terga’ thallas mitt lira Maltin (Lm100), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), izda dan qatt m’ghamlitu.

Jinnega li fil-fatt, il-konvenuta kienet ghamlet dawn iz-zewg pagamenti, pero’ ma kienx taha rcevuta fiskali, ghaliex l-*Accountant* taghha stess kien qalilha li ma kienx

hemm ghalfejn li jaghtiha rcevuta tal-Vat ghaliex l-*invoice* kienet *per se* rcevuta fiskali.

L-attur jichad li ghal xoghol li kien sar wara Gunju, 2006 kien qed jacccetta li kull darba jerga' iridu ighaddu sitt (6) xhur ghal pagament.

Il-konvenuta kienet regghet ikkomunikat mieghu ghal habta ta' Marzu, 2007 u kien irrifjuta li jmur u dan peress li l-konvenuta kienet ghadha m'ghamlitx l-pagamenti.

Jikkonferma wkoll li bejn Gunju, 2006 sa' Dicembru, 2006 kien imur il-hanut diversi drabi u dan peress kien jaghti parir lill-konvenuta kif ghandha tqassam il-hanut ghaliex hu kien jifhem. L-uniku ilment li kien hemm kien fuq il-*camera,* u kull meta kien imur kien sabiex jispjegalha fuq il-*playback* tal-*camera*.

Ra x-xhieda ta' Robert Darmanin, li huwa l-kugin tal-konvenuta u jispjega ukoll li ghall-habta tas-sena 2006 kien l-*Accountant* taghha. Ighid li hu kien qabad u rrakkomanda lill-attur lill-konvenuta, u dan wara li kien ghamillu xi xoghol ta' *computers*.

Jispjega li l-attur kellu jinstalla xi *computer*, xi *cameras* u *CCTV apparatus*, kif ukoll xi *software* sabiex izomm *records* tal-istock.

Jikkonferma li kien hemm negozjati li saru bejn l-attur u l-konvenuta u hu kien prezenti. Dawn kien qablu li l-attur kellu jibda x-xoghol ghall-habta ta' Mejju, Gunju, 2006 u fi zmien sitt (6) xhur l-pagamenti kellhom jigu saldati.

Ighid li ma kienx hemm problema bil-*computer* ghaliex kien ghamel xi zmien juzah ukoll u kollox kien qed jahdem. Kien hemm xi problema b'xi *camera*, izda l-attur ma kienx sab problema u xorta kien biddililha.

Ix-xhud jikkonferma li hu kien baqa' jahdem sa Dicembru, 2006 u kien wara li kienet ikkommunikat mieghu l-konvenuta u kienet qaltlu li kellha xi problema u bdiet tilmenta fuq l-attur.

Ra x-xhieda ta’ Rosalie Darmanin li tispjega li meta kienet ser tiftah il-hanut taghha, Robert Darmanin, li huwa kuginuha kif ukoll f’dak iz-zmien kien l-*Accountant* taghha, kien irrakkomanda li jkun ahjar li tinstalla *computer* u *cameras*. Kien ghalhekk li kien qabbadha mal-attur, li kien habib tieghu, u dan kien installa l-*computer*, ghamel l-ipprogrammar, kif ukoll installa l-*cameras*. Kienet avvzatu li ma kienitx f’qadgha finanzjarja li thallas l-ammont kollu f’salt.

Tghid li ghal bidu dan Scicluna kien jaqdiha, izda mbaghad beda jkollha problemi bil-*computer* u b’wahda mill-*cameras*, u ma kienx qed jirnexxielha tikkomunika ma’ Scicluna. Kien ghalhekk li kellmet lil Darmanin li kien qalilha li hu ukoll kien qed ikollu problemi biex jikkomunika mieghu.

Il-konvenuta tkompli tghid li meta rnexxielha tikkomunika ma’ Scicluna, dan kien talabha li thallas il-bilanc li kien ghadu pendenti. Kien ftehmu gurnata li fiha mar l-attur u kien biddel l-*camera*, izda sitt (6) xhur wara kienet regghet marret *camera* ohra. Dik li kien installa, kien installaha minghajr *infrared*.

Spiccat biex kellha ggib lil xi haddiehor sabiex ibiddlilha l-*cameras*, izda kien hemm problema, peress li dawn kienu bla ditta u kien difficli biex jigu sostitwiti. L-istess kien inqala’ problema bil-*compute*r u kellha ggib lil xi haddiehor biex jerga’ jinstalla program gdid, ghaliex ma kienx il-programm li kienet ftehmet mal-attur. Dan il-programm kien qamilha madwar mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41).

Ghalhekk, il-konvenuta kienet qed isib problema biex thallas il-bilanc li kien ghad fadal. Kienet ghamlet xi zewg (2) pagamenti bejn mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe’ ekwivalenti ghal erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u tlett mitt lira Maltin (Lm300), u cioe’ ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u

disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) kull darba.

Il-konvenuta tghid li huma ghandhom kumpanija RNC Company Limited u din l-istess socjeta' hija l-proprjetarja tal-hanut.

Tikkonferma li kienet ordnat li l-attur jaghmel l-installazzjonijiet f'Gunju, 2006 ghaliex kellha tiftah il-hanut f'Lulju. Tispjega li l-problemi bdew meta wahda mill-*cameras* ma bdietx tahdem, u peress li rrizulta li dawn il-*cameras* kienu minghajr isem jew ditta, insistiet mieghu li kellu jaghtiha l-isem taghhom u sakemm jaghmel dan ma kienitx disposta li thallsu l-bilanc li kien ghad fadal.

Il-konvenuta bdiet tissuspetta f'Scicluna meta kien talabha tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) ghal *bar code machine*, u t-tifel taghha kien qalilha li kien sab b'mitt lira Maltin (Lm100), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Tikkonferma li kienet qablet li thallas kollox sal-ahhar ta' Dicembru, 2006 pero' bil-kundizzjoni li jirranga dak kollu li ma kienx qed jiffunzjona kif suppost. Kien hemm wahda mill-*cameras* li ma bdietx tiffunzjona mill-bidu u dan kien ghal habta ta' Novembru u Scicluna kien gie biex jaqlaghhom u kien dam madwar sitt (6) xhur ohra sabiex jerga' jinstallahom. Wara s-sena 2006, l-attur kien baqa' jmur ghand il-konvenuta u dejjem ihajjarha sabiex taghmel affarijiet ohra u tghid li dejjem kienet taht l-impressjoni li s-sitt (6) xhur kienu dejjem japplikaw.
Il-konvenuta tghid li kienet halliet kollox f'idejn Robert Darmanin u ma kienitx rat karti u ghalhekk ma setghetx tikkonferma l-ammonti li kienet hallset. Tghid ukoll li Robert Darmanin kien tah biss ammont globali tax-xoghol ta' Scicluna.

Il-konvenuta ghalhekk lanqas kienet f'posizzjoni li tikkonferma l-ammont li kien ghadu dovut. Tghid biss li Robert Darmanin kien ha hsieb kollox u hu kien ghazel

x'programmi kellhom jigu installati li ma kellhomx ikunu biss programmi ghall-*accounts*, izda ukoll *database* ghall-klijenti.

Robert Darmanin lanqas ma kien kuntent bil-progamm installat fil-*computer,* u dan minhabba li kien qalilha li kien jippreferi juza' s-SAGE.

F'Marzu, l-attur rrifjuta li jmur sabiex jirranga xi problemi qabel l-konvenuta hallset il-bilanc li kien dovut u tghid li kienet disposta li thallas ghaliex l-ammont kien zghir, izda bdiet tinkwieta li kien qed ikollha wisq problemi, waqaf jahdem il-*board* tal-*computer*, ir-*recorder* kien jaghmel hafna hsejjes u nqata' l-*fan*. Kull ma kien baqa' jahdem kien il-*computer*.

Tichad li l-attur kien ghamilha xi disinn tal-hanut u kien biss issugerixxa li tbiddel il-posizzjoni tal-iskrivanija.

Tinsisti li Robert Darmanin u l-attur kienu jinsistu li kellha thallas *cash* sabiex dawn ma jidhrux u kienu ukoll installaw xi programmi llegali li rrifjutat.

Fl-ahhar tispjega li ma tiftakarx jekk kienux ftehmu fuq l-ammont li kellha thallas kull xahar, pero' tghid li ghal bidu kienet thallas regolarment u ghal kull xoghol li kien jaghmel kienet taht l-impressjoni li kellha sitt (6) xhur ohra ghal pagament ta' dak ix-xoghol. Ma bdietx thallas regolarment meta ndunat li kienu gejjin hafna intoppi u l-akbar problema kienet il-*camera* li ma kellhiex *infrared* u l-assikurazzjoni kienet insistiet maghha li l-*cameras* kellhom jigu installati b'din is-sistema.

Tikkonferma li l-ahhar pagament li kienet ghamlet kien ghal habta tas-6 ta' Dicembru, 2006  Ukoll kollox kien minghajr isem u ditta u kellha ggib lil xi haddiehor sabiex jerga' jinstalla l-affarijiet mill-gdid. Lil Scicluna kienet qaltlu li kienet disposta li thallsu biss jekk kien isewwielha l-problemi.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.
<u>Ikkunsidra</u>

Il-fatti tal-kaz fil-qosor huma cari – il-konvenuta kienet fethet hanut u kienet inkarigat lill-attur, fuq rakkomandazzjoni tal-kugin taghha Robert Darmanin, li ukoll kien l-*Accountant* taghha, biex jinstalla l-*computer,* u s-*software* li jmur mieghu, kif ukoll kellu jinstalla diversi *cameras* bl-*infrared* fil-hanut.

M'huwiex ikkontestat li kien hemm ftehim li f'Gunju, 2006, l-attur kellu jibda x-xoghol u peress li l-konvenuta kienet ghadha kemm fethet il-hanut kellha bzonn zmien biex thallas kollox u kien ghalhekk li ftehmu li l-pagament kellhom isiru fuq sitt (6) xhur.

Robert Darmanin huwa l-uniku xhud okulari ta' dan il-ftehim ghaliex kien prezenti u minkejja li l-konvenuta f'xi hin tal-provi taghha, mhix konsistenti dwar dak li gie miftiehem, hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-attur, kif korroborata minn dik ta' Robert Darmanin, li kien hemm zmien ghall-pagament sa' Dicembru, 2006, izda ma kienx hemm ftehim fuq x'kellhom ikunu l-pagamenti mensili.

Jidher ukoll mill-atti esebiti mill-attur, li l-konvenuta kienet taghmel diversi pagamenti tul iz-zmien. Minn naha l-ohra, l-konvenuta tinsisti li peress li l-attur kien ikompli ihajjarha taghmel xi xogholijiet ohra, hi kienet taht l-impressjoni li kull darba kien hemm perjodu ta' sitt (6) xhur ohra mid-data ta' meta jsiru x-xogholijiet.

Jista' jkun li l-kovenuta kienet taht din l-impressjoni, pero' minn imkien dan gie kkonfermat u Robert Darmanin huwa specifiku fuq dak li kien verament gie miftiehem. Ghalhekk, it-Tribunal ma jifhimx kif hija l-konvenuta biss li ma kienitx fehmet.

L-attur qed jitlob il-hlas ta' bilanc fl-ammont ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sitta u tlettin centezmu (Lm342.36), u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u sebgha u disghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€797.48). Jirrizulta li l-konvenuta kienet ghamlet diversi pagamenti bejn Gunju, 2006 u Dicembru, 2006 u fil-maggorparti l-

pagamenti saru permezz ta’ cekkijiet, izda l-ewwel darba kienet ghamlet pagament *cash* ( vide Dokument YS 5). Il-konvenuta zzid tghid ukoll li taf fic-cert li kienet ghamlet xi pagamenti in kontanti, izda ma kienitx certa mill-ammont, izda tiftakar li l-attur ma kienx ried jaghtiha rcevuta sabiex dawn l-hlasijiet ma jidhrux. Pero’, mid-Dokument YS 5, jirrizulta li kien hemm pagament ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe’ ekwivalenti ghal erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u dan kien sar fis-16 ta’ Gunju, 2006. Dan jirrizulta mill-*financial statement* ta’ l-attur.

F’mument il-pagamenti waqfu u l-konvenuta tinsisti li dan kien ghaliex irrealizzat li kulma kien installa l-attur ma kienx qed jiffunzjona, hlief ghal *computer*. Skond hi, l-affarijiet li kien ikkonsenjalha ma kienux tal-kwalita’ patwita.

Kien installa *cameras*, li mill-ewwel bdew bl-inkwiet. Kien gie nehha *camera* u dam sitt (6) xhur sabiex ibiddilha. Irrizultala li dawn il-*cameras* ma kellhomx isem jew ditta u ghalhekk kien difficli biex dawn jigu mibdula. Inoltre, kien installa *camera* minghajr l-*infrared*, meta dan kien il-ftehim minhabba l-assikurazzjoni.

Problema ohra ukoll kienet li rrifjutat li jinstalla xi *software* peress li kienu llegali u b’hekk spiccat biex kellha tinkariga lil haddiehor sabiex jinstallalha l-programm li xtaqet, ghaliex anke l-programm li kien installa l-attur ma kienx dak miftiehem.

Bhala xerrejja li ma kienitx kuntenta b’dak li gie kkonsenjat lilha ghaliex ma kienx tal-kwalita’ pattwita, kien japplika ghaliha l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, u cioe’ kellha d-dritt li jew tirrifjuta l-haga u titlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ Periti – ‘ZAMMIT AUTOMOBILES LIMITED VS CHARLES BEZZINA’ (PA 30/06/2003, Citaz.Nru. 2434/1997).

Il-konvenuta tafferma li kienet waqfet taghmel il-pagamenti meta kienet qed tinsisti mal-attur sabiex ibiddel l-*camera* u hu kien qed jinsisti li qabel ma thallas il-bilanc

ma kienx dispost li jaghmel dawn ix-xogholijiet. B’hekk il-konvenuta ghazlet li twaqqaf kwalsiasi pagament iehor.

In sostenn ta’ dan l-konvenuta esebiet zewg (2) dokumenti, wiehed li jindika l-ammont ta’ seba mija u hamsin lira Maltin (Lm750), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, seba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€1,747.03), meta kellha tinkariga persuna ohra sabiex jinstallalha l-programm li xtaqet u d-dokument l-iehor fejn kellha tinstalla *camera* ohra. Fl-ebda mument dawn id-dokumenti gew kkontestati mill-attur, li donnu qed jaccetta li kien hemm dawn il-problemi, li wasslu lill-konvenuta taghmel dawn it-tiswijiet. F’dan is-sens, it-Tribunal ihoss li fin-nuqqas ta’ provi kuntrarji, hemm provi sufficjenti li kien hemm xi problemi fix-xoghol li kien wettaq l-attur.

Biex izzid maghhom, il-konvenuta ssemmi ukoll li kien waqaf jahdem r-*recorder*, kif ukoll l-*board* tal-*computer*.

L-attur ma gab ebda prova in kontraddizzjoni, li talvolta kienet twassal lit-Tribunal jirrifletti jekk verament kienitx ircevit servizz li ma kienx tal-kwalita’ pattwita. Jekk kien hemm *camera* mhux skond l-ordni, il-konvenut ma jistax jippretendi li jithallas sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni. Anzi, ghall-kuntrarju, l-ewwel jirrimedja u jikkuntenta l-klijent, ix-xerrej f’dan il-kaz, u mbaghad jinsisti ghal pagament.

Tul il-kaz, l-attur, donnu kien qed jimmira li jiehu l-flus u ma jissodisfax l-obbligi tieghu, ghaliex irrizulta ukoll li kien ipprova jbiegh lill-konvenuta *bar code machine*, ghal prezz ferm aktar minn dak li wiehed realistikament ihallas ghalih. Ghalhekk dan iwassal lit-Tribunal biex jissuspetta kemm l-attur kien kredibbli fuq dak li qal fix-xhieda tieghu. Per konsegwenza, ghalhekk, il-konvenuta ghazlet li jzomm dak li kien gie kkonsenjat lilha, pero’ tikkontendi li m’ghandhiex thallas dan il-bilanc ghar-ragunijiet suesposti, meta l-attur naqas li josserva l-obbligi tieghu meta ma kkonsenjax skond il-kwalita’ patwita.

Il-konvenuta minn naha taghha lanqas hija konsistenti ghal dak li kellha thallas mill-gdid sabiex ikollha l-programm li xtaqet installat, ghaliex isemmi mija u hamsin

lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), filwaqt li d-dokument esebit jammonta ghal seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750), u cioe ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sebgha u erbghin Euro u tlett centezm (€1,747.03).

*In ogni caso*, it-Tribunal ihoss li xi problemi kien hemm f'hin jew minnhom u din wasslet ghal pika fir-relazzjoni bejn l-attur, u cioe' il-bejjiegh, u l-konvenuta akkwirent. Huwa difficli biex jigi stabbilit x'kien l-ammont li qed jintalab bhala tnaqqis mill-prezz originali ghaliex ma hemmx konsistenza fuq il-figuri. Madanakollu, hemm indikazzjoni ta' x'kien il-bilanc, u peress li ma kienx hemm xi kontro-talba fejn il-konvenuta qed titlob li taghti lura dak kollu li gie kkonsenjat lilha, ghandha ragun li titlob li thallas prezz anqas minn dak miftiehem.

Fic-cirkostanzi ukoll, jirrizulta gustifikabbli li jkun hemm it-tnaqqis tal-bilanc mill-prezz originali u dan a saldu tad-danni li sofriet il-konvenuta kwantu ghall-installazzjoni ta' program gdid kif ukoll ta' *camera* kif suppost u cioe' bl-*infrared*.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, l-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------